# IRXIEX U QAWSALLI

*Tektik ta' rxiex inħoss qed iraqqadni.*
*U ż-żiffa fuq ħaddejja*
*Titliegħeb miegħi, tinbex, tinbex fija*
*Biex ma nagħlaqx għajnejja.*

*Tkun tridni nara l-mewġa kaħlanija*
*Kif dieħla tkun minn barra.*
*Iddoqq u tgħanni l-għanja li taf tgħanni*
*Spanjola bil-kitarra.*

*L-għejjun ehirsa b'leħen ċar tal-fidda.*
*Iċ-ċgħak bħal kor imbiegħed,*
*L-għadajjar hemm jogħnosu jew jitniegħdu.*
*Il-ward jitbekka mriegħed.*

*Eluf ta' sħab għarajjes liebsa l-abjad*
*Bħal ġilji tal-widien,*
*Id f'id qed jiżfnu u jidħlu 'l ġewwa jiġru.*
*Imbagħ'd ma jidhru mkien.*

*Il-weraq saru slaten bil-kuruna*
*Mimlija ħaġar żgħar;*
*Il-blat: kristall u mirja; l-art imkesksa:*
*Blanzuni, tlief, u nwar.*

*Maċ-ċinct nieżla frenża kollha bożoż*
*Midmuma ġewwa x-xejn,*
*B'nifs ħelu r-riħ sikwit iwaqqa' waħda*
*U tmurlek, min jaf fejn!?*

*Irxiex, irxiex, ix-xemx u x-xita f'daqqa,*
*Dwal, raġġi u dellijiet.*
*Iwarrad il-punent peprin u vjoli*
*Fil-ġonna tas-smewwiet.*

*Titfaċċa x-xemx, biswit, ġo loġġa tidher*
*Miniera deh'b zekkin;*
*Tistaħba u l-għabra tilma dlonk tissawwar*
*Fi xniexel imdendlin.*

*Saħhara, żibġa mbaċċa kollha swaba',*
*Mas-siġra bilġri daret,*
*Imlietha ħjut u żigużajgi jleqqu,*
*Hallietħom hemm u għabet.*

*Kastelli kbar ta' l-alabastru fl-għoli*
*Ġox-xefaq lejn il-lvant*
*Qawsalli sbieħ 'il fuq minn dawn jixxerrfu,*
*Imżejna bl-isbaħ mant.*

*Għajnejh kulħadd qalagħhom, kulħadd mgħaxxaq,*
*Tpespis, tisfir, tperpir,*
*U l-għajta wħidha toħroġ tiġri tiġri:*
*"Imm' Alla kemm hu kbir!"*

MARY MEYLAK